KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 6/4/194/12

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru. 4 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju 2012. Il-laqgha bdiet fil-5.30pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio u l-Kunsillier Tyrone Muscat.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima u l-Kunsillier Ray Attard kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku ppressjeda din il-laqgha.

1) **Pagamenti**

1.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-ammont ta' € 109, 401.59

1.2 - Is-Segretarju qara ittra li baghat il-Kunsillier Ray Attard dwar l-item 13, Pagamenti fejn qal li hu qed jastjeni ghal dawn il-pagamenti fejn sostna li minhabba l-fatt li l-pagamenti li gew ipprezentati fil-kunsill ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju kienu juru ammont li jrid jithallas ta' €60,071.59, filwaqt li dawk li gew mibghuta l-bierah permess ta' email, fejn suppost huma l-istess Skeda ta' Hlasijiet, juru li l-ammont li se jithallas huwa ta' €105,787.81.. Huwa sostna li d-differenza ta' bejn iz-zewg skedi hija ta' €45,716.22 ghal l-istess perjodu ta' zmien, jigifieri, 21 ta' Marzu 2012 u l-14 ta' Mejju 2012.

1.3 – **Re cekk nru 4434** –Il Kunsilliera Delezio staqsiet x' inhu dan il-Pagament. Is-Segretarju qal li dak il-pagament hu tal-ikel tal-haddiema tas-CCF.

1.31 - Il-Kunsilliera Delezio qalet li l-prezz huwa gholi. Is-Segretarju ta' spjegazzjoni dwar dan.

1.32 – Is-Sindku qal li ghandna nohorgu tender dwar dan. Is-Segretarju talab biex jinghata l-ispecifikazzjonijiet biex ikun jista' johrog din l-offerta.

1.4 – **Re cekk nru 4427** ta' Clean Away Service Ltd – Is-Sindku staqsa dwar dan. Is-Segretarju qal li dan il-pagament hu ta' meta l-van tal-kunsill kien bil-hsara.

1.5 - **Re cekk nru 4431** ta' Steven Attard – Il-Kunsillier Axisa staqsa dwar dan. Is-Segretarju qal li dan il-pagament huwa tat-tindif tal-grawnd tas-Schrieber.

1.6 - **Re cekk nru 4437** ta' Microchip Computers – Is-Sindku staqsa kif jista' jkollu access ghalih personali ghall-cameras tal-Kunsill. Is-Segretarju qal li din il-haga trid tigi ccekkjata minhabba *data protection*.

1.7 - **Re cekk nru 4448** ta' Attard Brothers Construction Ltd – Is-Sindku qal li flok nixtru l-kaptelli, jibdew jaghmluhom il-haddiema tal-Kunsill.

1.8 - **Re cekk nru 4455** ta' ELC Ltd – Gie deciz biex dan ma jithallas minhabba li huwa pagament tal-Kunsill precedenti antik.

1.9 - **Re cekk nru 4480** tal-AKL – Gie deciz biex dan ic-cekk jigi kkancellat minhabba li s-Sindku mhux ser jorqod fil-lukanda Dolmen.

1.10 - **Re cekk nru 4487** tal-AKL – Il-Kunsillier Axisa qal li hija xi haga stramba li l-Vici Sindku ma jattendix ghal-laqghat izda mbaghad imur *weekend* seminar. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet wara kemm il-laqgha li ma jattendix Kunsillier jitqies bhala post vacant.

1.11 – **Re cekk nru 4488** ta' Al Hag - Gie deciz biex dan il-pagament jigi *on hold* sakemm ix-xoghol li sar fuq ir-*rubber tiles* jigi certifikat mill-Perit tal-Kunsill u li dan ic-certifikat ma jigix jiswa aktar minn 500 euro.

1.12 - **Re cekk nru 4508** ta' Nica Service Station Ltd - Is-Sindku qal li dwar dan il-hlas irid kont aktar dettaljat. Is-Segretarju pprezenta kont aktar dettaljat minhabba li s-Sindku kien diga' avza lill-istaff bil-hsieb tieghu. Gie deciz biex dan ic-cekk jigi kkancellat.

1.13 - **Re cekk nru 4521** ta' Ricky Caruana – Is-Sindku qal li hemm problema b'dan il-kont. Wara diskussjoni, gie deciz li jitnaqqas l-ammont ta' €390 minn dan il-pagament, u ghaldaqstant dan ser jigi kkancellat u jerga' jinhareg cekk iehor.

1.14 - **Re cekk nru 4523** ta' Ricky Caruana - Is-Sindku qal li hemm problema b'dan il-kont. Wara diskussjoni, gie deciz li jitnaqqas l-ammont ta' €200 minn dan il-pagament, u ghaldaqstant dan ser jigi kkancellat u jerga' jinhareg cekk iehor.

1.15 - **Re cekk nru 4526** ta' Ell's Urban Services Ltd – Il-Kunsillier Axisa xtaq li s-Sur Dominic Grima jaghti spjegazzjoni u aktar dettalji ta' dan il-kont.

1.16 – Il-membri tal-Kunsill approvaw is-somma ta' €88,069.52.

2) **Aggornament**

2.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fis-6.15pm u aggornata ghal nhar it-Tnejn 11 ta' Gunju fis-6.00pm..

Approvati llum 11/6/2012

Kevin Borg

Segretarju

Roderick Spiteri

Sindku